

**Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament li r-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta' uffiċjali promossi mill-grad AST3 għall-grad AST4 fil-proċedura ta' promozzjoni 2009;
- bħala konsegwenza ta' dan l-annullament, twestaq eżami komparattiv ġdid tal-merti tar-rikorrent u ta' dawk tal-kandidati l-oħra fil-proċedura ta' promozzjoni 2009 u tippromwovi lir-rikorrent għall-grad AST4 b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2009 kif ukoll tordna l-ħlas tal-interessi fuq l-arretrati tar-remunerazzjoni bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, mill-1 ta' Jannar 2009, miżjuda b'żewġ punti;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2010 — Van Asbroeck vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-88/10)

(2010/C 317/90)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrent:* Marc Van Asbroeck (Dilbeek, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot u C. Bernard-Glanz, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex tiġi parzjalment annullata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-introduzzjoni ta' kumpens favur uffiċjali li bidlu l-kategorija qabel l-1 ta' Mejju 2004, sabiex jiġi riklassifikat, b'effett retroattiv mill-1 ta' Mejju 2004, fil-grad D\*4/8 u sabiex il-karriera tiegħu titpoġġa fl-istess pożizzjoni fir-rigward ta' promozzjonijiet, aġġustamenti annwali u żidiet fl-iskala minn dakinhar.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jistieden lill-konvenuta sabiex tiddeċiedi b'mod espliċitu dwar it-tabella li r-rikorrent għamel sabiex iqabbel il-progress fis-salarju tiegħu u dak tas-salarju li kellu jkun tiegħu li kieku ma bidilx il-kategorija qabel l-1 ta' Mejju 2004;
- jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba sabiex tiġi annullata t-tielet sentenza tal-Artikolu 1(3) tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-22 ta' Ottubru 2008, dwar l-introduzzjoni ta' kumpens favur uffiċjali li bidlu l-kategorija qabel l-1 ta' Mejju 2004, sabiex jiġi riklassifikat, b'effett retroattiv mill-1 ta' Mejju 2004, fil-grad D\*4/8 u sabiex il-karriera tiegħu titpoġġa fl-istess pożizzjoni fir-rigward ta' promozzjonijiet, aġġustamenti annwali u żidiet fl-iskala minn dakinhar, u

jekk ikun il-każ, tannulla d-deċiżjoni li biha ġie miċħud l-ilment;

- tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' somma ffissata provviżorjament fl-ammont ta' EUR 13 218,24, bħala kumpens għad-dannu finanzjarju, biż-żieda tal-interessi bir-rata legali mid-data tas-sentenza li ser tingħata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Settembru 2010 — Black et u Knaul et vs Il-Kummissjoni**(Kawżi magħquda F-8/05 u F-10/05) <sup>(1)</sup>

(2010/C 317/91)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawżi.

<sup>(1)</sup> ĠU C 115, 14.05.2005, p. 33 u 36.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Settembru 2010 — Avendano et vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-45/06) <sup>(1)</sup>

(2010/C 317/92)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 143, 17.06.2006, p. 39.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Settembru 2010 — Baele et vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-70/06) <sup>(1)</sup>

(2010/C 317/93)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 190, 12/08/2006, p. 36.